MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2012

Talba Numru. 182/2012

**Ritienne Apap (ID-168779M) u**
**Christ Sciberras (ID-74780M)**

**vs**

**Mansueto Zammit u**
**MEPA**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi qed jitolbu lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallashom is-somma ta' elfejn disa' mija disgha u erbghin ewro u tmienja u erbghin centezmu (€2,949.48c) rapprezentanti spejjez inkorsi mir-rikorrenti waqt is-smigh ta' l-Appell fuq permess tal-MEPA numru PA8195/05, liema Appell intrebah mill-attur kif jidher mill-anness dokument Dok.1.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut, li permezz taghha eccepixxa (i) illi preliminarjament l-esponenti mhuwiex il-legittimu kontradittur u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju; (ii) illi fil-mertu t-talbiet attrici kif dedotti fil-konfront tieghu huma infondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu michuda fl-interezza taghhom, bl-ispejjez kontra l-istess atturi; (iii) illi l-appell interpost mill-attrici Ritianne Apap kien kontra l-Awtorita' ta' Malta ghall-Ambjent u l-Ippjanar in segwitu ghal hrug minnha ta' Outline Development Permit u mhux kontra l-esponenti li m'ghandu l-ebda kontroll fil-hrug tal-permessi; (iv) illi fi kwalunkwe kaz, it-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar fis-sentenza tieghu ma impona l-ebda hlas ta' spejjez fuq l-esponenti; (v) illi bla pregudizzju ghall-premess, l-atturi ghand[hom] iressqu prova tal-ispejjez minnhom vantati; (vi) salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Ra l-kapitolu ghas-subizzjoni li gie pprezentat fil-konfront tal-Awtorita' konvenuta.

Ra d-deposizzjoni tar-rapprezentant tal-Awtorita' konvenuta, li ddikjara bil-gurament illi l-ammont mitlub mill-atturi mhux dovut.

Ra r-risposta tal-Awtorita' konvenuta, li permezz taghha eccepiet (i) illi l-Avviz huwa monk in kwantu gie dirett kontra entita' li m'hiex kontemplata fil-Ligi. L-isem proprju tal-Awtorita' huwa l-Awtorita' ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar. Ghalhekk semmai ghandha ssir id-debita korrezzjoni. (ii) Illi fit-tieni lok u preliminarjament jigi eccepit l-inkompetenza u nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' dan l-Onorabbli Tribunal. (iii) Illi l-atturi ghandhom jindikaw ezatt taht liema artikolu tal-Ligi u /jew il-bazi legali li fuqha qedin jittentaw it-talba odjerna fil-konfront tal-eccipjenti u f'dan ir-rigward qed jigi riservat id-dritt li jitressqu eccezzjonijiet ulterjuri. (iv) Illi fil-konfront tal-eccipjenti t-talba attrici hija assolutament infondata fil-fatt u fid-dritt peress illi fl-ghoti *o meno* tal-permessi l-Awtorita' eccipjenti tkun qeda taqdi l-funzjonijiet taghha mghotija lilha bil-Ligi u zgur li billi t-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar irrevoka l-permess mghoti lill-

konvenut l-iehor Mansueto Zammit ma jghati ebda dritt lill-atturi jirreklamaw xi haga mill-eccipjenti. (v) Illi fi kwalunkwe kaz fis-sentenza tieghu t-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar ma kkundanna ebda spejjez u kwindi anke minn dan il-lat it-talba attrici hija infondata. (vi) Illi fi kwalunkwe kaz fil-konfront tal-eccipjenti t-talba attrici hija ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt. (vii) Ghaldaqstant it-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda, bl-ispejjes kontra l-atturi.

Semgha x-xhieda mressqa mill-partijiet, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Ra l-verbal tas-seduta tal-10 ta' Ottubru, 2012, fejn l-Awtorita' konvenuta insistiet illi jigu ttrattati u decizi l-eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-istess Awtorita' dwar in-nuqqas ta' kompetenza *ratione materie* ta' dan it-Tribunal sabiex jaqta' u jiddecidi din il-kawza, u dwar liema provvediment tal-ligi jifforma l-bazi tal-azzjoni attrici.

Ra n-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidra,

Illi din is-sentenza tittratta dwar l-eccezzjonijiet preliminari li gew sollevati mill-Awtorita' konvenuta, senjatament dwar in-nuqqas ta' kompetenza *ratione materie* ta' dan it-Tribunal sabiex jaqta' u jiddecidi din il-kawza, u dwar nuqqas ta' indikazzjoni tal-provvedimenti tal-Ligi li in bazi taghhom giet proposta din l-azzjoni.

Illi permezz tan-nota tal-osservazzjonijiet taghhom, l-atturi ddikjaraw illi l-eccezzjoni dwar in-nuqqas ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal m'ghandhix tigi kkunsidrata, ghaliex ma gietx ittratta fil-bidu tal-proceduri, tant illi l-atturi kienu bdew iressqu l-provi taghhom, billi ressqu bhala xhud taghhom lill-Perit Arkitett Valerio Schembri. Illi ghalhekk huma jikkontendu illi l-Awtorita' konvenuta irrimettiet ruhha ghall-kompetenza ta' dan it-Tribunal, u daqs li kieku rrinunzjat ghall-eccezzjoni taghha.

Illi t-Tribunal ma jistax jaqbel ma’ din it-tezi, ghaliex ladarba din l-eccezzjoni giet sollevata *in limine litis* fir-risposta tal-Awtorita’ konvenuta, u l-istess Awtorita’ fl-ebda waqt tal-proceduri ma vverbalizzat l-intenzjoni taghha illi qed tirrinunzja ghal tali eccezzjoni, allura jsegwi illi ghad qed issostni din l-eccezzjoni, u li ghalhekk jehtieg li din tigi deciza.

Illi mid-deposizzjoni li nghatat mill-Perit Valerio Schembri, prodott mill-atturi, rrizulta illi hu gie nkarigat mill-atturi sabiex jassistihom fi proceduri li kien mehtieg li jigu proposti quddiem it-Tribunal ta’ Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar in konnessjoni ma’ permess li kien inhareg mill-Awtorita’ konvenuta. Illi tali permess ta’ zvilupp kien inhareg a favur tal-konvenut f’dawn il-proceduri, Mansueto Zammit, u liema permess gie eventwalment revokat in forza ta’ sentenza moghtija mill-imsemmi Tribunal fid-9 ta’ Gunju, 2011. Illi l-imsemmi Perit gie mhallas mill-atturi ghas-servizzi li gew ipprestati minnu in konnessjoni ma’ dan il-process quddiem it-Tribunal imsemmi, liema servizzi kienu jammontaw kumulattivament ghas-somma ta’ elfejn erba’ mija sitta u sebghin ewro u tlieta u hamsin centezmu (€2,476.53c), u dan kif jirrizulta minn ricevuta fiskali, li kopja taghha tinsab esebita a fol.7 tal-atti.

Illi in forza ta’ din l-azzjoni, l-atturi qed jitolbu minghand il-konvenuti, jew min minnhom, refuzjoni ta’ dawn l-ispejjez, kif ukoll ta’ spejjez ohra, liema spejjez huma gew kostretti li jghamluhom minhabba l-permess li nhareg mill-Awtorita’ konvenuta a favur tal-konvenut Zammit, u liema permess gie eventwalment revokat mit-Tribunal ta’ Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar.

Ikkunsidra,

Illi l-Kap 504 tal-Ligijiet ta’ Malta, fit-Tieni Skeda (Artikolu 41) li jittratta dwar Procedimenti quddiem it-Tribunal ta’ Revizjoni ta’ l-Ambjent u l-Ippjanar u l-appelli li jsiru minnhom, jipprovdi dwar id-dritt ta’ appell minn decizjoni mahruga taht id-disposizzjonijiet tat-Taqsima Vi tal-istess Att, filwaqt illi permezz ta’ legislazzjoni sussidjarja 504.04,

li jipprovdi dwar Regolamenti dwar Drittijiet ghall-Appelli tal-Ippjanar, u aktar specifikament f'Artikolu 7 tal-istess, hemm stipulat illi:

"*Fejn terza persuna interessata tkun ipprezentat appell quddiem il-Bord ta' l-Appelli u l-Bord ta' l-Appelli jaqta' l-appell favur dik it-terza persuna interessata, id-dritt ta' l-appell favur dik it-terza persuna interessata ghandu jigi rimborsat lill-imsemmija terza persuna fi proporzjonijiet indaqs mill-partijiet telliefa u, ghall-fini ta' dan ir-regolament, id-decizjoni tal-Bord ta' l-Appelli ghandha titqies li tkun titolu ezekuttiv bhallikieku kienet decizjoni ta' arbitri kif imsemmija fl-artikolu 253(d) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili ghall-finijiet kollha ta' dak il-Kodici.*"

Illi ghalhekk l-imsemmi Tribunal kellu l-kompetenza sabiex jiddecidi dwar jekk ghandux ikun hemm rimbors a favur tat-terza persuna, li f'dan il-kaz kienu l-atturi f'din il-kawza, tad-dritt ta' l-appell li huma hallsu meta gie propost l-imsemmi appell minnhom. Illi fl-ebda waqt, la l-Kap 504 u lanqas l-imsemmija Regolamenti, ma jipprovdu ghall-possibilita' ta' ordni ta' refuzjoni ta' spejjez li parti interessata tkun inkorriet sabiex ikun gie propost appell bhal dak intavolat mill-atturi f'din il-kawza quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar.

Illi ghalhekk dan it-Tribunal ma jaqbilx mat-tezi tal-Awtorita' konvenuta illi kemm-il darba dan it-Tribunal jikkunsidra t-talba tal-atturi, kif proposta quddiem, ser ikun qed "...*jeccedi l-*vires *tieghu billi jimpingi fuq id-diskrezzjoni ta' Tribunal iehor billi jiddecidi minfloku dwar il-kap tal-ispejjez*", ghaliex li qed jintalab mill-atturi f'din il-kawza mhux dak kontemplat f'Artikolu 7 tar-Regolamenti hawn fuq imsemmija, u cioe' refuzjoni tad-dritt ta' l-appell, izda refuzjoni ta' spejjez professjonali illi huma gew kostretti li jhallsu sabiex gie propost l-appell in kwistjoni, u sabiex giet pprovduta l-assistenza professjonali mehtiega tul is-smiegh u trattazzjoni tal-imsemmi appell. Illi fil-fehma ta' dan it-Tribunal tali spejjez huma diversi minn dawk imsemmija fir-Regolamenti ndikati, u li t-Tribunal ta' Revizjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar ma setax jipprovdi

dwarhom, ghaliex il-Ligi specjali li tirregola l-procedimenti quddiem dak it-Tribunal, ma jaghtihx is-setgha sabiex jiddecidi dwar tali spejjez.

Illi jsegwi ghalhekk, u gialadarba t-talba tal-atturi tittratta dwar il-hlas ta’ ammont ta’ flus, liema ammont huwa likwidu u ma jezorbitax il-kompetenza ta’ dan it-Tribunal, illi l-eccezzjoni dwar nuqqas ta’ kompetenza *ratione materie* ta’ dan it-Tribunal ma hix gustifikata, u ghalhekk qed tigi respinta.

Illi dwar l-eccezzjoni preliminari l-ohra sollevata mill-Awtorita’ konvenuta, fejn eccepiet illi “...*l-atturi ghandhom jindikaw ezatt taht liema artikolu tal-Ligi u / jew il-bazi legali li fuqha qedin jittentaw it-talba odjerna fil-konfront tal-eccipjenti*...” jidher illi ebda wiehed mill-partijiet ma dahal fil-mertu ta’ din l-eccezzjoni fin-noti ta’ sottomissjonijiet rispettivi taghhom; illi t-Tribunal huwa tal-fehma illi tali eccezzjoni m’ghandhix twassal ghan-nullita’ tal-azzjoni, u filwaqt illi ser jidderigi lill-atturi sabiex jirregolaw ruhhom in rigward, qed f’dan l-istadju jastjeni milli jiehu konjizzjoni ta’ din l-eccezzjoni.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal qed jirrespingi l-eccezzjoni sollevata mill-Awtorita’ konvenuta dwar in-nuqqas ta’ kompetenza *ratione materie* ta’ dan it-Tribunal sabiex jaqta’ u jiddecidi din il-kawza, u filwaqt illi qed, f’dan l-istadju, jastjeni milli jiehu konjizzjoni tat-tielet (3) eccezzjoni sollevata mill-Awtorita’ konvenuta fir-risposta taghha, qed jordna l-proseguiment tas-smigh tal-kawza fuq il-mertu.

Jirrizerva li jipprovdi dwar l-ispejjez fis-sentenza finali.

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------